2026/2019

20.11.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2019

tal-10 ta' Settembru 2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 66, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (k), tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat il-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE ([2]).

(2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar li dawn ir-riżorsi jinsabu fihom. Dawn il-miżuri huma vinkolanti fuq l-Unjoni.

(3) Sabiex l-Unjoni tikkonforma mal-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet annwali stabbilita mir-Rakkomandazzjoni 25-04 fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ([3]), l-iskadenza applikabbli għall-Istati Membri trid titressaq 'il quddiem.

(4) Barra minn hekk, iridu jsiru għadd ta' emendi tar-Regolament (UE) 2023/2053 biex jiġu aġġornati l-formola tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment fl-Anness VI u l-formola tad-dikjarazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ fl-Anness XIV.

(5) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sas-16 ta' Jannar ta' kull sena, kull Stat Membru li għandu kwota għat-tonn għandu jibgħat il-pjanijiet li ġejjin lill-Kummissjoni:

(a) il-pjan annwali tas-sajd għall-bastimenti tal-qbid u għat-tunnari li jintużaw għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 11;

([1]) ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Parigi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj).

([3]) Ir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 24-05 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, https://iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-04-e.pdf.

(b) il-pjan annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;

(c) il-pjan annwali ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' spezzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 14; u

(d) il-pjan annwali għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut stabbilit f'konformità mal-Artikolu 15.";

(2) l-Annessi VI u XIV huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Anness VI, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"DIKJARAZZJONI TAT-TRASFERIMENT TAL-ICCAT

<table>
<tr><td colspan="2">Nru tad-Dokument:</td><td colspan="2">Dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td colspan="4">1 — TRASFERIMENT TAT-TONN (BFT) ĦAJ DESTINAT GĦAT-TROBBIJA</td></tr>
<tr><td rowspan="4">Isem il-bastiment tas-sajd:

Sinjal tas-sejħa:

Bandiera:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:

Nru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment:

Nru tal-ktieb ta' abbord:

Nru tal-operazzjoni konġunta tas-sajd:

Nru eBCD:</td><td rowspan="4">Isem in-nassa:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:

Isem il-farm tal-ħut donatur (1):

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:</td><td>Isem l-ewwel bastiment tal-irmunkar:

Bandiera:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:

Nru tal-gaġġa tat-trasport:</td><td>Isem il-farm tal-ħut destinatarju:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td>Isem it-tieni bastiment tal-irmunkar (2):

Bandiera:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:

Nru tal-gaġġa tat-trasport:</td><td>Isem il-farm tal-ħut destinatarju (3):

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td>Isem it-tielet bastiment tal-irmunkar (2):

Bandiera:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:</td><td>Isem il-farm tal-ħut destinatarju (3):

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
</table>

		Identifikazzjoni esterna: Nru tal-gaġġa tat-trasport:	

2 — INFORMAZZJONI DWAR L-EWWEL TRASFERIMENT

Data: _ _ / _ _ / _ _ _ _		Post jew pożizzjoni:	Port: Lat: Longˇ:
L-ewwel trasferiment Nru 1 Għadd ta' individwi u piż stmat (kg) fl-ewwel gaġġa ([4]): L-ewwel trasferiment: Trasferiment volontarju: Trasferiment ta' kontroll: BFT mejjet matul it-trasferiment ([5]):	L-ewwel trasferiment Nru 2 Għadd ta' individwi u piż stmat (kg) fit-tieni gaġġa ([4]): L-ewwel trasferiment: Trasferiment volontarju: Trasferiment ta' kontroll: BFT mejjet matul it-trasferiment ([5]):	L-ewwel trasferiment Nru 3 Għadd ta' individwi u piż stmat (kg) fit-tielet gaġġa ([4]): L-ewwel trasferiment: Trasferiment volontarju: Trasferiment ta' kontroll: BFT mejjet matul it-trasferiment ([5]):	
Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd / tal-operatur tan-nassa / tal-operatur tal-farm tal-ħut:	Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment riċevitur: L-ewwel bastiment riċevitur: It-tieni bastiment riċevitur: It-tielet bastiment riċevitur:	Isem l-osservatur u n-numru tal-ICCAT u l-firma tiegħu:	
Preżenza ta' osservatur: (I/L) Għadd ta' individwi stmat mill-Osservatur Reġjonali: Nri tas-siġilli ([6]):	Raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil:	Regoli jew proċedura mhux rispettati:	

3 — TRASFERIMENTI OĦRA ([7]) ([8])

Nru tal-ewwel trasferiment:

TRASFERIMENT IEĦOR 1

Data: _ _ / _ _ / _ _ _ _ Nru tal-ITD:			Post jew pożizzjoni:	Port: Lat: Long:
Isem il-bastiment tal-irmunkar donatur: Isem il-bastiment tal-irmunkar riċevitur:	Sinjal tas-sejħa: Sinjal tas-sejħa:	Bandiera: Bandiera:	Nru tar-Reġistru tal-ICCAT: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:	Isem il-farm tal-ħut destinatarju: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:
Nru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment:		Identifikazzjoni esterna:	Nru tal-gaġġa li minnha qed jinħareġ il-ħut: Nru tal-gaġġa li fiha qed jiddaħħal il-ħut:	Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment donatur: Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment riċevitur:

Għadd ta' individwi trasferiti u piż stmat (kg) ([4]):

Trasferiment ieħor:

Trasferiment volontarju:

Trasferiment ta' kontroll:

Fil-każ ta' trasferiment volontarju jew ta' kontroll:

(i). Informazzjoni dwar il-bastiment tal-irmunkar riċevitur:

Isem:

Bandiera:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:

(ii) Nru tal-gaġġa tat-trasport:

Għadd ta' BFT li miet matul it-trasferiment:

TRASFERIMENT IEĦOR 2

Data: _ _ / _ _ / _ _ _ _ Nru tal-ITD:			Post jew pożizzjoni: Port: Lat: Long:	
Isem il-bastiment tal-irmunkar donatur: Isem il-bastiment tal-irmunkar riċevitur:	Sinjal tas-sejħa: Sinjal tas-sejħa:	Bandiera: Bandiera:	Nru tar-Reġistru tal-ICCAT: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:	Isem il-farm tal-ħut destinatarju: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:
Nru tal-awtorizzazzjoni ta' trasferiment:		Identifikazzjoni esterna:	Nru tal-gaġġa li minnha qed jinħareġ il-ħut: Nru tal-gaġġa li fiha qed jiddaħħal il-ħut:	Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment donatur: Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment riċevitur:

Għadd ta' individwi trasferiti u piż stmat (kg) ([4]):

Trasferiment ieħor:

Trasferiment volontarju:

Trasferiment ta' kontroll:

Fil-każ ta' trasferiment volontarju jew ta' kontroll:

(i) Informazzjoni dwar il-bastiment tal-irmunkar riċevitur:

Isem:

Bandiera:

Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:

(ii) Nru tal-gaġġa tat-trasport:

Għadd ta' BFT li miet matul it-trasferiment:

TRASFERIMENT IEĦOR 3

Data: _ _ / _ _ / _ _ _ _ Nru tal-ITD:			Post jew pożizzjoni: Port: Lat: Long:	

Isem il-bastiment tal-irmunkar donatur: Isem il-bastiment tal-irmunkar riċevitur:	Sinjal tas-sejħa: Sinjal tas-sejħa:	Bandiera: Bandiera:	Nru tar-Reġistru tal-ICCAT: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:	Isem il-farm tal-ħut destinatarju: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:
Nru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment:		Identifikazzjoni esterna:	Nru tal-gaġġa li minnha qed jinħareġ il-ħut: Nru tal-gaġġa li fiha qed jiddaħħal il-ħut:	Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment donatur: Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment riċevitur:
Għadd ta' individwi trasferiti u piż stmat (kg) ([4]): Trasferiment ieħor: Trasferiment volontarju: Trasferiment ta' kontroll: Fil-każ ta' trasferiment volontarju jew ta' kontroll: (i) Informazzjoni dwar il-bastiment tal-irmunkar riċevitur: Isem: Bandiera: Nru tar-Reġistru tal-ICCAT: Identifikazzjoni esterna: (ii) Nru tal-gaġġa tat-trasport:			Għadd ta' BFT li miet matul it-trasferiment:	

([1]) Irid jimtela f'każ ta' trasferimenti bejn żewġ farms tal-ħut differenti.
([2]) Irid jimtela jekk il-qabda tiġi ttrasferita lejn aktar minn gaġġa tat-trasport waħda.
([3]) Irid jimtela jekk il-gaġeġ tat-trasport ikunu ddestinati għal aktar minn farm tal-ħut wieħed.
([4]) L-għadd ta' individwi u l-piż stmat mill-operatur donatur għat-trasferiment meqjus bħala validu. Jekk l-operazzjoni jkollha tiġi ripetuta, daħħal M/A fir-ringiela rilevanti (eż. jekk l-ewwel trasferiment u t-trasferiment volontarju ma pprovdewx vidjo adegwat – L-ewwel trasferiment: M/A; Trasferiment volontarju: M/A; Trasferiment ta' kontroll: 1 030 biċċa, 123 600 kg).
([5]) L-għadd ta' individwi li mietu u l-piż stmat.
([6]) Irid jimtela mill-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT jekk il-gaġġa tat-trasport tkun trid tiġi ssiġillata f'konformità mal-Artikolu 43a, il-punt (5), u mal-Anness XVa.
([7]) Irid jimtela mill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur għal kull trasferiment bejn il-bastimenti tal-irmunkar li jsir wara l-ewwel trasferiment.
([8]) Din it-taqsima għandha timtela għal kull trasferiment tal-ewwel. Jekk aktar minn trasferiment wieħed tal-ewwel jinqasam f'diversi gaġeġ tat-trasport, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur għandu jidduplika l-ITD oriġinali sabiex kopja waħda tal-ITD takkumpanja l-gaġġa/il-gaġeġ għall-istess farm tal-ħut destinatarju."

(2) fl-Anness XIV, it-tabella hija sostitwita b'din li ġejja:

"DIKJARAZZJONI TAT-TQEGĦID FIL-GAĠEĠ TAL-ICCAT

Dikjarazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ tal-ICCAT:	Nru tad-Dokument:
1 — TQEGĦID FIL-GAĠEĠ TAT-TONN	
Isem il-farm tal-ħut:	Isem il-bastiment tal-irmunkar:
Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:	Nru tar-Reġistru tal-ICCAT:
Nru tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ:	Bandiera:
Nru tal-gaġġa tat-trasport:	Nru JFO:
Nru tal-gaġġa tal-farm tal-ħut:	Nru/i eBCD:
Data tat-tqegħid fil-gaġeġ:	Nru/i tad-dikjarazzjoni(jiet) tat-trasferiment (ITD):
Tonn li jmut waqt it-trasport ([1]):	

2 — INFORMAZZJONI DWAR IT-TQEGĦID FIL-GAĠEĠ — L-OPERATUR TAL-FARM TAL-ĦUT U L-OSSERVATUR TAL-ICCAT ([2])		
	Operatur tal-farm tal-ħut:	Osservatur tal-ICCAT:
Għadd ta' ħut:		
Kwantitajiet f'kg:		Mhux applikabbli
Għadd u piż (kg) ta' BFT mejjet waqt it-tqegħid fil-gaġeġ:		
Isem l-operatur tal-farm tal-ħut, il-firma tiegħu, u d-data:		Isem l-osservatur, in-nru tal-ICCAT u l-firma tiegħu, u d-data:
Preżenza ta' osservatur: (I/L)	Raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil:	Regoli jew proċedura li ma tħarsitx:

3 — INFORMAZZJONI DWAR IT-TQEGĦID FIL-GAĠEĠ — AWTORITAJIET TAL-FARMS TAL-ĦUT TAL-PKK ([3])	
Għadd ta' ħut:	Kwantitajiet f'kg:
Uffiċjal tal-awtoritajiet tal-PKK, il-firma tiegħu, u d-data:	

([1]) L-għadd u l-piż totali (kg) ta' BFT irrappurtat mejjet mill-kaptan(i) tal-bastiment(i) tal-irmunkar li ttrasporta(w) il-ħut fil-gaġeġ.
([2]) Il-kwantitajiet iddeterminati mill-operatur tal-farm tal-ħut u mill-osservatur tal-ICCAT wara li jkunu ġew analizzati l-filmati bil-kamera sterjoskopika tal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ.
([3]) Il-kwantitajiet stabbiliti mill-awtoritajiet tal-farms tal-ħut tal-PKK għall-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ attwali, meta d-data tkun disponibbli."